Minuti tat-Tmin (8) laqgħa tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 9 ta' Frar 2010; fil-5:30pm

| **Preżenti:** | **Il-Membri** |
| --- | --- |
| Is-Sindku | Anthony R. Valvo |
| Viċi Sindku | Joe Azzopardi |
| Il-Kunsilliera | Antonia Buttiġieġ |
| | Mario Buhajar |
| | Mary Claire Depasquale |

**L-Uffiċjali:**

Is-Segretarju Carmelo Camilleri

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda - Attendenża u Apoloġiji – Kull ħadd preżenti

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-minuti tal-laqgħa ta' qabel - Il-minuti ġew moqrija u approvati

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – *Matters Araising* - mill-minuti tal-laqgħa ta' qabel:
   a. Minflok l-isem ta' San Ġorġ Preca għal dik it-triq ġdida fi Triq il-Knisja kif kien ġie maqbul propost unanimament il-Kunsill qabel li din it-trejqa tissemma Triq Lapsi, isem sinonimu mal-Lokalita' u dan billi antikament kienet tiġi ċċelebrata festa folkloristika fil-Lokalita' biex tiġi ċċelebrata wkoll it-tlugħ fis-sema ta' Gesu' Kristu.
   b. Rigward it-*tenders/*offerti sottomessi dwar il-faċilitajiet sportivi u rekrejattivi fil-Lokalita' dawn id-dokumenti

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

għaddew għand il-Perit tal-Kunsill, *Med Design*, għal evalwazzjoni u finalment għal rapport tekniku.

c. A rigward id-dikjarazzjoni tal-Kunsilliera *Ms.* Marie Claire Depasquale fejn kien allegat li s-Sindku ma rrispondiex għal *e-mails* dwar il- *Bye-Law.* Is-Sindku kklarifika u sostna li hu kien għamel dan u poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-korrispondenza bl-*e-mails* u dan biex tikkonferma li hu kien irrisponda.

d. *Bye-Law* proposta hija issa unanimament approvata mill-Kunsill pero' jonqos indikazzjoni ta' kemm se tkun il-*fee* għal kull tip ta' għamara fit-toroq.

e. Arigward item Nru. 6 fuq l-aġenda tal-laqgħa ta' qabel- *Performance Bonus* il-Kunsilliera *Ms.* Marie Claire Depasquale xtaqet li tirtira d-deċiżjoni tagħha u b'hekk qiegħda tikkonferma li taqbel mad-deċiżjoni li ntħadet.

f. Il-Laqgħa pubblika tal-MEPA / WSC li saret fid- 9 ta' Frar 2010 fis-sala tal-Knisja arigward xi amendi fl-istrutturi tal-impjant tat-tisfija tad-dranaġġ li għaliha attendew xi 30 persuna, attendenża tajba għal-Lokalita' żgħira tax-Xgħajra.

4. Item Nru 5 fuq l-aġenda - Korrispondenza:

i) Intbgħatet *e-mail* bi proposta għal-mod kif sar pjan ta' l-għarar tal-ilma tax-xita u li ser jiżbokka preċiżament ħdejn l-impjant tat-tisfija tad-dranaġġ. Insegwitu saret stedina mid-Direttur Ġenerali fil-Ministeru MRRA fil-Floriana u dan b'intenzjoni li jsiru rappresentazzjonijiet da parti tal-Kunsill tax-Xgħajra.

ii) Tpoġġa rapport dwar l-effiċjenza tal-Kunsill Lokali *visa vie* għal dak li jirrigwardja l-Kunsill Lokali tax-Xgħajra għall-perjodu April - Lulju 2009.

5. Item Nru.5 fuq l-aġenda – Approvazzjoni u ratifiazzjoni tal-infieq:

L-infieq fejn kien meħtieġ kien ratifikat u approvati l-ħlasijiet dovuti lill-fornituri għax-xahar ta' Jannar 2010.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

6. Item Nru. 6 fuq l-aġenda –

Għeluq is-sena finanzjarja 31 ta' Diċembru 2009. L-*accounts* huma kollha magħluqa pero' minħabba nuqqas ta' xi *statements* tal-Bank dawn l-accounts se jiġu ppreżentati sal-laqgħa li jmiss.

7. Item Nru. 7 fuq l-aġenda - Affarijiet oħra

Kumitat tal-aġġudikazzjoni għandu jkun kompost mill-Kunsill kollu u li l-laqgħa għal dan l-aġġudikazzjoni mill-Kumitat għandha ssir nhar is- 16 ta' Frar 2010; fid- 9:30 am

8. Item Nru 8 fuq l-aġenda – Laqgħa Annwali

Laqgħa annwali tal-Lokalita' kien propost li ssir nhar it-Tlieta 23 ta' Frar 2010, fil- 5:30 pm

9. Item Nru 9 fuq l-aġenda – Affarijiet oħra

Is-Sindku fakkar bil-ħarġa kulturali u soċjali, li ser issir fl-10 ta'Frar 2010, fil-festa ta' San Pawl, u informa l-Kunsill li hemm attendenza qawwija.

10. Item Nru 10 fuq l-aġenda – Aġġornament għal nhar it-Tlieta, 2 ta' Marzu 2010.

________________________ ________________________

Segretarju Eżekuttiv Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGĦAJRA

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGĦAJRA

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt